



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2011/0299(COD)

27.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE
(COM(2011)0657 – C7-0373/2011 – 2011/0299(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Lorenzo Fontana

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE jiffirma parti mill-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Ir-regolament jipprovdi qafas għall-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband konformi mal-miri stabbiliti għall-Aġenda Diġitali Ewropea għal inizjattiva ewlenija tal-Ewropa u għal dan il-għan jistipula objettivi u prijoritajiet relevanti.

Din l-inizjattiva ewlenija twaqqaf miri li xi wħud minnhom jistgħu jitqiesu bħala ambizzjużi għall-UE fil-qasam tal-infrastrutturi diġitali. L-għan huwa li sal-2020 tkun intlaħqet kopertura universali ta' 30 Mbps jew tal-anqas jiġi żgurat li tal-anqas 50% tal-familji Ewropej ikollhom konnessjonijiet ta' l fuq minn 100 Mbps..

Dawn il-pjanijiet kif elenkati fit-taqsimha intitolata "L-għan tal-proposta" għandhom jgħinu jiżviluppaw l-ekonomija tagħna u jtejbu l-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, li jinkludu numru kbir ħafna ta' SMEs.

Il-broadband veloċi u ultraveloċi għandu jwassal biex l-intrapriżi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħna jkollhom vantaġġ ċar fuq il-kontropartijiet tagħhom fir-rigward tas-setgħat il-ġodda li qegħdin joħorġu fil-livell globali. Jekk l-Ewropa trid tilqa' l-isfidi biex issir mudell minn ta' quddiem fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, u tagħmel dan b'mod korrett u sistematiku, allura jenħtieġ li jkun hemm koordinament fl-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband fost l-Istati Membri.

Biex jintlaħqu riżultati reali u rilevanti għandna nirrikonoxxu l-importanza tal-kultura bħala mutur ta' tmexxija tal-iżvilupp Ewropew.

Il-kultura tirrappreżenta l-bażi ta' kull proċess ta' żvilupp, mill-edukazzjoni bażika sar-riċerka xjentifika l-aktar avvanzata. L-investimenti fil-kultura għandhom jilħqu l-miri tal-Ewropa 2020 sabiex iseħħ żvilupp importanti u fl-istess ħin bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u jkunu riflessi minn żvilupp ekwivalenti tas-soċjetà Ewropea fit-totalità tagħha. Jekk ma tingħatax kunsiderazzjoni xierqa lil dan l-aspett dan ikun ta' ħsara u jmur kontra l-għanijiet tal-progress Ewropew.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) In-netwerks u s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet qegħdin isiru infrastrutturi dejjem aktar ibbażati fuq l-internet, b'interrelazzjoni mill-qrib bejn in-netwerks tal-broadband u s-servizzi diġitali. L-internet qiegħed isir il-pjattaforma dominanti għall-komunikazzjoni, is-servizzi, u biex isir in-negozju. Għalhekk, id-disponibbiltà trans-Ewropea ta' aċċess veloċi għall-internet u s-servizzi diġitali fl-interess pubbliku hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u *s-Suq Uniku*.

Emenda

(1) In-netwerks u s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet qegħdin isiru infrastrutturi dejjem aktar ibbażati fuq l-internet, b'interrelazzjoni mill-qrib bejn in-netwerks tal-broadband u s-servizzi diġitali. L-internet qiegħed isir il-pjattaforma dominanti għall-komunikazzjoni, is-servizzi, ***l-edukazzjoni, il-kontenut kulturali*** u biex isir in-negozju. Għalhekk, id-disponibbiltà trans-Ewropea ta' aċċess veloċi għall-internet ***bi prezzijiet raġonevoli*** u s-servizzi diġitali fl-interess pubbliku hija essenzjali ***għall-iżvilupp soċjali u kulturali***, għat-tkabbir ekonomiku, ***is-Suq Uniku, l-integrazzjoni diġitali tal-bnedmin u l-oqsma kollha li huma ekonomikament u kulturalment żvantaġġati***.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew laqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tvarja l-Istrateġija Ewropa 2020. Waħda mit-tliet prijoritajiet tal-Ewropa 2020 hija t-tkabbir intelliġenti permezz tal-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. L-investimenti fit-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari fin-netwerks tal-broadband u l-infrastrutturi tas-servizz diġitali, huma kundizzjoni neċessarja għal tkabbir ekonomiku fl-Unjoni li jkun intelliġenti iżda li jkun ukoll sostenibbli u inklużiv.

Emenda

(2) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew laqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tvarja l-Istrateġija Ewropa 2020. Waħda mit-tliet prijoritajiet tal-Ewropa 2020 hija t-tkabbir intelliġenti permezz tal-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. L-investimenti fit-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari fin-netwerks tal-broadband u l-infrastrutturi tas-servizz diġitali, huma kundizzjoni neċessarja għal tkabbir ekonomiku fl-Unjoni li jkun intelliġenti iżda li jkun ukoll sostenibbli u inklużiv, ***kif ukoll għal parteċipazzjoni soċjali u kulturali taċ-ċittadini. L-Ewropa 2020 se tikkontribwixxi sabiex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs, iżżid l-interoperabbiltà u l-aċċess għall-***

interkonnexjonijiet bejn is-sistemi nazzjonali, u, fit-tul, sabiex tiżviluppa suq diġitali uniku.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u talab lill-istituzzjonijiet kollha sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni sħiħa tagħha. L-Aġenda Diġitali timmira li tfassal pjan sabiex timmassimizza l-potenzjal soċjali u ekonomiku tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja billi tara li jiġi żgurat li sal-2020 l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għall-veloċitajiet tal-internet ogħla minn 30 Mbps u 50 % jew aktar tad-djar Ewropej ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet b'veloċitajiet ogħla minn 100 Mbps. L-Aġenda Diġitali timmira li tistabbilixxi qafas legali stabbli sabiex tistimula l-investimenti f'infrastruttura miftuħa u kompetittiva tal-internet b'veloċità għolja u fis-servizzi relatati; suq uniku veru għall-kontenut u s-servizzi online; appoġġ attiv għad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali għani tal-Ewropa, u l-promozzjoni tal-aċċess għall-internet u l-użu minn kulħadd, speċjalment permezz ta' appoġġ għal-litteriżmu u l-aċċessibbiltà diġitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw pjanijiet operazzjonali nazzjonali għall-internet b'veloċità għolja, li għandhom fil-mira l-finanzjament pubbliku f'oqsma li l-ħtiġijiet tagħhom ma ntlaħqux kompletament mill-investimenti privati fl-infrastrutturi tal-internet u għandhom jippromwovu l-

Emenda

(3) Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u talab lill-istituzzjonijiet kollha sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni sħiħa tagħha. L-Aġenda Diġitali timmira li tfassal pjan sabiex timmassimizza l-potenzjal soċjali, **kulturali** u ekonomiku tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja billi tara li jiġi żgurat li sal-2020 l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għall-veloċitajiet tal-internet ogħla minn 30 Mbps u 50 % jew aktar tad-djar Ewropej ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet b'veloċitajiet ogħla minn 100 Mbps. L-Aġenda Diġitali timmira li tistabbilixxi qafas legali stabbli sabiex tistimula l-investimenti f'infrastruttura miftuħa u kompetittiva tal-internet b'veloċità għolja u fis-servizzi relatati; suq uniku veru għall-kontenut u s-servizzi online; appoġġ attiv għad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali għani tal-Ewropa, u l-promozzjoni tal-aċċess għall-internet u l-użu minn kulħadd, speċjalment permezz ta' appoġġ għal-litteriżmu u l-aċċessibbiltà diġitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw pjanijiet operazzjonali nazzjonali għall-internet b'veloċità għolja, li għandhom fil-mira l-finanzjament pubbliku f'oqsma li l-ħtiġijiet tagħhom ma ntlaħqux kompletament mill-investimenti privati fl-infrastrutturi tal-internet u għandhom jippromwovu l-

implimentazzjoni u l-użu tas-servizzi online moderni li huma aċċessibbli.

implimentazzjoni u l-użu tas-servizzi online moderni li huma aċċessibbli.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment tikkonkludi li r-rwol kritiku tal-internet ifisser li l-benefiċċji għas-soċjetà sħiħa jidhru li huma ferm akbar mill-inċentivi privati biex jinvestu f'netwerks aktar veloċi. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku huwa neċessarju għal dan il-qasam, iżda ma għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni bla bżonn.

Emenda

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment tikkonkludi li r-rwol kritiku tal-internet ifisser li l-benefiċċji għas-soċjetà sħiħa jidhru li huma ferm akbar mill-inċentivi privati biex jinvestu f'netwerks aktar veloċi. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku huwa neċessarju għal dan il-qasam, **partikolarment fiż-żoni rurali**, iżda ma għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni bla bżonn.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Għandha tingħata attenzjoni lill-importanza tal-appoġġ pubbliku għall-investiment f'netwerks veloċi ħafna; b'mod partikolari, minħabba l-importanza ta' din il-kwistjoni u l-livell ta' finanzjament involut, l-Unjoni għandha tara li l-użu tal-għajnuna mill-Istati jservi biex jinċentiva l-investiment f'żoni fejn ir-redditu mistenni huwa partikolarment baxx.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Baġit għall-Ewropa 2020 jirrikonoxxi l-ħolqien ta' Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet infrastrutturali floqsma tat-trasport, l-enerġija u t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Is-sinerġiji bejn dawn is-setturi kif ukoll ma' programmi tal-investment oħra tal-Unjoni huma importanti ħafna għaliex jirriżultaw sfidi simili li jirrikjedu soluzzjonijiet li jirriżultaw fi tkabbir, jikkumbattu l-frammentazzjoni, jsaħħu l-koeżjoni, jiffavorixxu l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-suq kif ukoll it-tneħħija tal-konġestjonijiet li jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Emenda

(5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Baġit għall-Ewropa 2020 jirrikonoxxi l-ħolqien ta' Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet infrastrutturali floqsma tat-trasport, l-enerġija u t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Is-sinerġiji bejn dawn is-setturi kif ukoll ma' programmi tal-investment oħra tal-Unjoni huma importanti ħafna għaliex jirriżultaw sfidi simili li jirrikjedu soluzzjonijiet li jirriżultaw fi tkabbir, jikkumbattu l-frammentazzjoni, jsaħħu l-koeżjoni, ***inaqqsu d-diskrepanzi ta' żvilupp fir-regġuni kollha tal-UE***, jiffavorixxu l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-suq kif ukoll it-tneħħija tal-konġestjonijiet li jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku.

Emenda

(6a) In-newtralità tan-netwerks hija ta' importanza kbira għall-internet pubbliku.

(8a) Il-proġetti ta' interess komuni msemmija f'dan ir-Regolament għandhom ukoll jagħtu kontribut sabiex fuq livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali ssir malajr kemm jista' jkun sistema ta' mmappjar tal-infrastrutturi, sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fil-forniment tal-broadband u jitneħħew il-punti ta' konġestjoni diġitali minn investimenti pubbliċi u privati.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 9

(9) Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-intervent tal-Unjoni huwa neċessarju fejn huwa meħtieġ li jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq. Billi tipprovdi appoġġ finanzjarju u ingranaġġ ta' finanzjament addizzjonali għall-proġetti ta' infrastruttura, l-Unjoni tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, u b'hekk tiġġenera benefiċċji akbar f'termini tal-impatt fis-suq, l-effiċjenza amministrattiva u l-utilizzazzjoni tar-riżorsi.

(9) Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-intervent tal-Unjoni huwa neċessarju fejn huwa meħtieġ li jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq. Billi tipprovdi appoġġ finanzjarju u ingranaġġ ta' finanzjament addizzjonali għall-proġetti ta' infrastruttura, l-Unjoni tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, u b'hekk tiġġenera benefiċċji akbar f'termini tal-impatt fis-suq, l-effiċjenza amministrattiva, l-utilizzazzjoni tar-riżorsi u ***l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja ekonomika u soċjali. Fir-rigward tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, għandu jiġi qies il-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija li huwa importanti ferm għall-internet pubbliku.***

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

(9a) Fir-rigward tal-użu ta' sħubijiet pubbliċi-privati għall-provvista ta' servizzi effiċjenti tal-broadband, partikolarment fiż-żoni rurali, huma proposti s-sħubijiet pubbliċi-privati megħjuna b'fondi Ewropej bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-SMEs tal-ICT fil-qasam tas-servizzi pubbliċi tal-ICT, minħabba li jistgħu jservu ta' bażi sostenibbli għall-iżvilupp ta' għarfien u kompetenzi fil-livell lokali fl-Unjoni kollha.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Ma' veloċitajiet oġhla tal-broadband hemm assoċjati benefiċċji ekonomiċi **u** soċjali sostanzjali, li ma jistgħux jiġu maqbuda (captured) u l-anqas ma jistgħu jiġu mibdula fi flus mill-investituri. Il-broadband veloċi u ultraveloċi huwa ċ-ċavetta li tippermetti l-infrastruttura għall-iżvilupp u l-użu ta' servizzi diġitali, li jiddependu fuq id-disponibbiltà, il-veloċità, l-affidabilità u r-reżiljenza tan-netwerks fiżiċi. L-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' netwerks aktar veloċi twitti t-triq għal servizzi innovattivi li jisfruttaw il-veloċitajiet akbar. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ komponenti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali.

Emenda

(10) Ma' veloċitajiet oġhla tal-broadband hemm assoċjati benefiċċji ekonomiċi, soċjali **u kulturali** sostanzjali, li ma jistgħux jiġu maqbuda (captured) u l-anqas ma jistgħu jiġu mibdula fi flus mill-investituri. Il-broadband veloċi u ultraveloċi huwa ċ-ċavetta li tippermetti l-infrastruttura għall-iżvilupp u l-użu ta' servizzi diġitali, li jiddependu fuq id-disponibbiltà, il-veloċità, l-affidabilità u r-reżiljenza tan-netwerks fiżiċi. L-introduzzjoni u l-adozzjoni **komprensiva** ta' netwerks aktar veloċi twitti t-triq għal servizzi innovattivi li jisfruttaw il-veloċitajiet akbar. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ komponenti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-iżvilupp ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja jtejjeb il-gvern elettroniku billi jiġġieled il-burokrazija u jipprovdi lill-individwi u l-kumpaniji b'aċċess aktar faċli għas-servizzi pubbliċi, u b'hekk iwassal għal benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali.

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) B'mod partikolari l-użu ta' broadband ultraveloċi se jkun ta' benefiċċju għall-impriżi żgħar u medji (SMEs) li spiss ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi bbażati fuq il-web bħall-‘cloud computing’ minħabba l-konnettività inadegwata u l-veloċità eżistenti tal-konnessjonijiet tal-broadband. Dan se jgħin il-potenzjal għal żidiet sostanzjali fil-produttività għall-SMEs.

(11) Servizzi innovattivi tal-internet, applikazzjonijiet avanzati tas-softwer u l-komunikazzjoni u apparat mobbli bl-aċċess għall-internet jeħtieġu rati ta' trażmissjoni li jiżiedu kontinwament. B'mod partikolari l-użu ta' broadband ultraveloċi se jkun ta' benefiċċju għall-impriżi żgħar u medji (SMEs) ***u għall-ekonomija kulturali u kreattiva*** li spiss ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi bbażati fuq il-web bħall-‘cloud computing’ minħabba l-konnettività inadegwata u l-veloċità eżistenti tal-konnessjonijiet tal-broadband. Dan se jgħin il-potenzjal għal żidiet sostanzjali fil-produttività għall-SMEs. ***Għal dan il-għan, għandha tingħata prijorità, speċjalment fil-perjodu attwali ta' kriżi, l-oqsma industrijali li għadhom ma ġewx diġitalizzati minħabba problemi territorjali u ambjentali.***

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)**

(11a) Għall-provvista rurali, huwa ta' importanza sinifikanti l-iżvilupp ta' netwerks ta' aċċess, li jippermetti r-rabta ta' konnessjonijiet individwali fid-djar.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband u tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali *se* jikkontribwixxi għall-għan tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjoni tal-gass serra billi tawtorizza soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija f' bosta setturi tal-ekonomija tal-Ewropa. Dan l-effett pożittiv se jkun limitat, iżda sa ċertu punt biss, mid-domanda għall-enerġija u r-riżorsi li qed tikber relatata l-aktar mal-bini tan-netwerks tal-broadband u l-operat tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali.

Emenda

(13) L-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband u tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali **għandu** jikkontribwixxi għall-għan tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjoni tal-gass serra billi tawtorizza soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija f' bosta setturi tal-ekonomija tal-Ewropa. Dan l-effett pożittiv se jkun limitat, iżda sa ċertu punt biss, mid-domanda għall-enerġija u r-riżorsi li qed tikber relatata l-aktar mal-bini tan-netwerks tal-broadband u l-operat tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Iż-żieda u l-preservazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u d-dejta kulturali għonja u varji tal-Ewropa miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u l-ftuħ tagħhom għall-użu mill-ġdid b'rispett sħiħ lejn id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati, se jrawmu l-kreattività **u** jstimulaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. L-aċċess mingħajr intoppi għall-użu mill-ġdid ta' riżorsi multilingwi se jgħin jegħleb l-ostakli tal-lingwa, li jxekklu s-suq intern għas-servizzi online u

Emenda

(18) Iż-żieda u l-preservazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u d-dejta kulturali għonja u varji tal-Ewropa miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u l-ftuħ tagħhom għall-użu mill-ġdid b'rispett sħiħ lejn id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati, se jrawmu l-kreattività, jstimulaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija **u jkabbru t-trasparenza**. L-aċċess mingħajr intoppi għall-użu mill-ġdid ta' riżorsi multilingwi se jgħin jegħleb l-ostakli **amministrattivi u** tal-lingwa, li

jillimitaw l-aċċess għall-għarfien.

jxekklu s-suq intern għas-servizzi online u jillimitaw l-aċċess għall-għarfien.

Għandha tiġi enfasizzata f'dan ir-rigward l-importanza tal-pjattaforma Ewropea bħala bażi għat-tixrid tal-kontenut tal-patrimonju kulturali vast Ewropew. Madankollu, għandu jkompli jkun possibbli għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, reġjonali u lokali, li jiddeterminaw huma stess l-użu tal-informazzjoni tagħhom u jiġi kopert porzjon kbir tal-ispejjeż tagħhom, li jirriżultaw mit-twettiq tad-dmirijiet pubbliċi tagħhom.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) L-iżvilupp ta' netwerks tal-broadband u ta' infrastrutturi tas-servizzi diġitali se jgħin biex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni ta' penetrazzjoni akbar mit-teknoloġiji l-ġodda f'kull livell tal-edukazzjoni fl-Istati Membri, filwaqt li jtejjeb il-ħiliet diġitali tat-tfal u l-istudenti.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Fil-kuntest ta' edukazzjoni tul il-ħajja, l-iżvilupp ta' netwerks tal-broadband u l-penetrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda se jippermettu li-ċittadini kollha tal-Unjoni, irrISPETTIVAMENT mill-età tagħhom, biex itejbu jew jiksbu ħiliet fil-teknoloġiji l-ġodda

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà, pjattaforma mifruxa madwar l-UE għall-kondiviżjoni tar-riżorsi, is-sistemi ta' informazzjoni u l-għodod tas-softwer li jippromwovu s-sikurezza online se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent online aktar sikur **għat-tfal**. Se tippermetti lil ċentri li jirċievu mijiet ta' eluf ta' talbiet u allerti fis-sena sabiex joperaw madwar l-Ewropa. Infrastrutturi tal-Infomazzjoni Kritika se jtejbju l-kapaċità tal-Unjoni kollha għat-tnejjija, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-reazzjoni għat-theddid għaċ-ċibersigurtà.

Emenda

(19) Fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà, pjattaforma mifruxa madwar l-UE għall-kondiviżjoni tar-riżorsi, is-sistemi ta' informazzjoni u l-għodod tas-softwer li jippromwovu s-sikurezza online se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent online aktar sikur. ***L-infrastrutturi tas-servizzi diġitali u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni kollha f'dan il-qasam għandhom jirrispettaw il-ftuħ li joffri l-internet u għandhom jippromwovu soluzzjonijiet teknoloġikament newtrali.*** Se tippermetti lil ċentri li jirċievu mijiet ta' eluf ta' talbiet u allerti fis-sena sabiex joperaw madwar l-Ewropa. Infrastrutturi tal-Infomazzjoni Kritika se jtejbju l-kapaċità tal-Unjoni kollha għat-tnejjija, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-reazzjoni għat-theddid għaċ-ċibersigurtà.

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċji ta' ambjent online aktar sikur għandhom ikunu għaċ-ċittadini kollha, iżda jeħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju ta' internet miftuħ.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi floqsmata tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-setgħa sabiex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Emenda

(21) Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi floqsmata tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-setgħa sabiex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. L-għan ta' din id-delega huwa li tindirizza żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda, prijoritajiet politiċi emerġenti jew opportunitajiet għall-isfruttament ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fl-oqsma tat-Trasport u tal-Enerġija. L-ambitu tad-delega huwa limitat għall-modifikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, iż-żieda ta' proġett ta' interess komuni jew it-tneħħija ta' proġett obsolet ta' interess komuni skont il-kriterji stabbiliti minn qabel li huma ċari u trasparenti.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Waqt it-tnejn u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni **għandha** tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-iżvilupp tas-Suq Uniku **fejn jirriżultaw fit-tiġib tal-kompetittività** tal-ekonomija Ewropea,

għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti **u fil-livell reġjonali u lokali**. L-għan ta' din id-delega huwa li tindirizza żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda, prijoritajiet politiċi emerġenti jew opportunitajiet għall-isfruttament ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fl-oqsma tat-Trasport u tal-Enerġija. L-ambitu tad-delega huwa limitat għall-modifikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, iż-żieda ta' proġett ta' interess komuni jew it-tneħħija ta' proġett obsolet ta' interess komuni skont il-kriterji stabbiliti minn qabel li huma ċari u trasparenti.

Emenda

(22) Waqt it-tnejn u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni **trid** tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Emenda

(1) jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, **kulturali u soċjali u l-parteċipazzjoni soċjali, kif ukoll id-distribuzzjoni tal-informazzjoni u ta' xogħlijiet kulturali** u jappoġġaw l-iżvilupp

inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs).

tas-Suq Uniku ***u jippromwovu l-integrazzjoni diġitali ta' żoni sħaħ ekonomikament u kulturalment żvantaġġjati, li għandu jwassal għal titjib fil-kompetittività*** tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs).

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) tiġi pprovduta għajna lill-Istati Membri sabiex jilhq u l-għan tal-Aġenda Diġitali li kull ċittadin Ewropew ikollu aċċess għall-broadband veloċi ħafna sal-2020 u l-għan intermedju li kull ċittadin Ewropew ikollu aċċess għal konnessjoni bażika tal-internet sal-2013.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) jikkontribwixxu għat-titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali tat-telekomunikazzjoni kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks.

(2) jikkontribwixxu għat-titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji, ***l-organizzazzjonijiet, l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati u*** l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks ***bi prezzijiet raġonevoli.***

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) jistimulaw l-użu madwar l-Ewropa kollha ta' netwerks veloċi u ultraveloċi li, min-naħa tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' servizzi diġitali trans-Ewropej.

Emenda

(3) jistimulaw l-użu madwar l-Ewropa kollha ta' netwerks veloċi u ultraveloċi li ***skont il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika b'enfasi fuq iż-żoni rurali***, min-naħa tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' servizzi diġitali trans-Ewropej.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) jiffaċilitaw l-użu sostenibbli ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali trans-Ewropej, l-interoperabilità tagħhom u l-koordinazzjoni fuq livell Ewropew, l-operat, il-manutenzjoni u l-aġġornament tagħhom.

Emenda

(4) jiffaċilitaw l-użu sostenibbli ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali trans-Ewropej, l-interoperabilità tagħhom u l-koordinazzjoni fuq livell Ewropew, l-operat, il-manutenzjoni u l-aġġornament tagħhom, ***abbażi ta' approċċ iffokat fuq il-kultura u s-sostenibilità ambjentali***.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 5b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) jimpenjaw ruħhom fiż-żamma tal-prinċipji tan-newtralità tan-netwerks.

Emenda

(5b) jikkontribwixxu għal aċċess aktar wiesa' għall-kultura u l-patrimonju

nazzjonali fuq l-internet.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) jirrappreżentaw, permezz tal-aċċess għall-internet tal-broadband, għodod edukattivi importanti, b'mod partikolari fir-reġjuni li jkunu għadhom lura.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-użu ta' networks tal-broadband ultraveloċi li jassiguraw il-veloċità ta' trażmissjoni tad-dejta ta' 100 Mbps u aktar;

(a) l-użu ta' networks **komprensivi** tal-broadband ultraveloċi li jassiguraw il-veloċità ta' trażmissjoni tad-dejta ta' 100 Mbps u aktar;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-użu ta' networks tal-broadband biex jillinkjaw il-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta tal-ilma kif ukoll dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni fejn jiżguraw li f'dawk ir-reġjuni l-veloċitajiet tat-trażmissjoni tad-dejta huma suffiċjenti biex jippermettu konnettività tal-broadband ta' 30 Mbps u aktar;

(b) l-użu ta' networks tal-broadband, **b'mod partikolari "ta' networks ta' aċċess", u t-titjib fin-networks tal-ġbir** biex jillinkjaw il-gżejjer, ir-reġjuni **rurali, fil-muntanji, transkonfinali, ir-reġjuni għandu jiġi appoġġjat permezz ta' finanzjament xieraq**, fejn jiżguraw li f'dawk ir-reġjuni l-veloċitajiet tat-trażmissjoni tad-dejta huma suffiċjenti biex jippermettu konnettività tal-broadband ta'

30 Mbps u aktar;

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) id-disponibbiltà mifruxa tan-netwerks tal-broadband u l-infrastrutturi tas-servizz fi ħdan l-Unjoni għandha tittiejeb f'reġjuni strutturalment dgħajfa, irrISPettivament mill-attrazzjoni ekonomika, sabiex tkun faċilitata l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fis-soċjetà, u speċjalment fil-kultura;

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-appoġġ ta' sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-SMEs tal-ICT fil-qasam tas-servizzi pubbliċi tal-ICT.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri u/jew entitajiet oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji neċessarji f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan

3. L-Istati Membri, ***l-awtoritajiet reġjonali u lokali***, u/jew entitajiet oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji neċessarji f'konformità mal-

ir-Regolament.

ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju tal-UE taħt il-kundizzjonijiet u l-istrumenti disponibbli skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa [REF]. L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti adottati mill-Unjoni, il-prijoritajiet tal-finanzjament u d-disponibbiltà tar-riżorsi.

Emenda

5. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni ***u li huma meħtieġa biex jiżguraw il-provvista ta' servizzi tal-broadband*** għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju tal-UE taħt il-kundizzjonijiet u l-istrumenti disponibbli skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa [REF]. L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti adottati mill-Unjoni, il-prijoritajiet tal-finanzjament u d-disponibbiltà tar-riżorsi. ***Dan l-appoġġ jingħata flimkien mal-għajnuna pprovduta skont programmi u inizjattivi oħra tal-Komunità, inklużi l-Fondi Strutturali. Il-Kummissjoni tassigura li l-azzjonijiet immirati lejn it-tweġġiq tal-proġetti ta' interess komuni ma jiskoraġġux l-inizjattivi pubbliċi u/jew privati eżistenti jew li qed jiġtejjew u li ma jistgħux jirċievu finanzjamenti maħruġa minn strumenti Komunitarji jew nazzjonali oħra.***

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Unjoni tista' tistabbilixxi kuntratti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' awtoritajiet pubbliċi jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra f'pajjiżi

Emenda

1. L-Unjoni tista' tistabbilixxi kuntratti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' awtoritajiet pubbliċi jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra f'pajjiżi

terzi sabiex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linji gwida fejn tali kooperazzjoni twassal għal valur miżjud Ewropew. Fost għanijiet oħrajn, din il-kooperazzjoni għandha tfittex li tippromwovi l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej u n-netwerks tat-telekomunikazzjoni ta' pajjiżi terzi.

terzi, ***meta dan ikun fl-interess tal-pubbliku***, sabiex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linji gwida fejn tali kooperazzjoni twassal għal valur miżjud Ewropew. Fost għanijiet oħrajn, din il-kooperazzjoni għandha tfittex li tippromwovi l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej u n-netwerks tat-telekomunikazzjoni ta' pajjiżi terzi. ***Din il-kooperazzjoni ssir b'koordinazzjoni mal-istrategġija mfassla fil-qafas tal-politika esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari ma' dawk koperti mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u kwalunkwe strategġija makroreġjonali li diġà qed jiġu implimentati jew li qed jitħejjew.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Unjoni tista' tkompli tistabbilixxi kuntatti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi biex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linji gwida.

Emenda

2. L-Unjoni tista' tkompli tistabbilixxi kuntatti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi biex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linji gwida ***li jkun fl-interess tal-pubbliku.***

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. F'dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll jekk l-ambitu tal-proġetti ta' interess komuni jibqgħax jirrifletti l-prijoritajiet politiċi, l-iżviluppi teknoloġiċi jew is-sitwazzjoni fis-swieq

Emenda

4. F'dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll jekk l-ambitu tal-proġetti ta' interess komuni jibqgħax jirrifletti l-prijoritajiet politiċi, ***b'zonnijiet reġjonali u soċjali***, l-iżviluppi teknoloġiċi

rilevanti. Għal proġetti kbar, dawn ir-rapporti għandhom jinkludu analiżi tal-impatt ambjentali, fejn jiġu kkunsidrati l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni, u r-reżiljenza għad-diżastri. Reviżjoni bħal din tista' titwettaq ukoll fi kwalunkwe żmien ieħor meta din tidher li tkun xierqa.

jew is-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti. Għal proġetti kbar, dawn ir-rapporti għandhom jinkludu analiżi tal-impatt ambjentali, fejn jiġu kkunsidrati l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni, u r-reżiljenza għad-diżastri. Reviżjoni bħal din tista' titwettaq ukoll fi kwalunkwe żmien ieħor meta din tidher li tkun xierqa.

Emenda 39

Proposta għal regolament Anness – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-użu u t-titjib tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (netwerks tal-broadband u infrastrutturi tas-servizzi diġitali) għandhom jikkontribwixxu għat-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kisba ta' suq diġitali uniku mimli ħajja. B'mod partikolari, l-użu tagħhom se jagħti aċċess aktar veloċi għall-internet, iwassal għal titjib iffaċilitat mit-teknoloġija tal-informazzjoni fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, inklużi t-tfal u ż-żgħażaġh, in-negożji u l-gvernijiet, iżid l-interoperabbiltà u jiffaċilita l-allinjament jew il-konverġenza ma' standards maqbula b'mod komuni.

Emenda 40

Proposta għal regolament Anness – taqsima 1 - parti introdutorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-użu ta' netwerks trans-Ewropej tat-telekomunikazzjoni li se jgħinu t-tneħħija tal-konġestjonijiet eżistenti fis-suq uniku diġitali *għandu* jiġi akkumpanjat minn studji u azzjonijiet ta' appoġġ għall-

Emenda

L-użu u t-titjib tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (netwerks tal-broadband u infrastrutturi tas-servizzi diġitali) għandhom jikkontribwixxu għat-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, *il-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa* u l-kisba ta' suq diġitali uniku mimli ħajja. B'mod partikolari, l-użu tagħhom se jagħti aċċess aktar veloċi għall-internet, iwassal għal titjib iffaċilitat mit-teknoloġija tal-informazzjoni fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, inklużi t-tfal u ż-żgħażaġh, in-negożji u l-gvernijiet, iżid l-interoperabbiltà u jiffaċilita l-allinjament jew il-konverġenza ma' standards maqbula b'mod komuni.

programm. Dawn huma:

*f'każijiet fejn dawn ma jistgħux jiġu
ffinanzjati b'mod xieraq fuq livell tal-
Istati Membri.* Dawn huma:

Ġustifikazzjoni

Studji dwar l-immappjar u l-fattibilità mhumiex prijorità għal sussidju fuq livell tal-UE.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 2 - paragrafu 9 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġija użata, għandhom:

Emenda

Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġija użata, għandhom, ***fejn ikun jidher ċar li s-suq ma jkunx jista' jipprovdi din l-infrastruttura kummerċjalment:***

Emenda 42

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 2 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

L-użu tan-netwerks tal-broadband biex jiġu konnessi l-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta tal-ilma u dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, inkluż fejn ikun neċessarju l-kejbils f'qiegħ il-baħar, se jiġu appoġġati fejn huwa essenzjali li jkun żgurat aċċess minn komunitajiet iżolati għal broadband ta' 30Mbps u aktar. Dan l-appoġġ għandu jikkumplimenta fondi oħra, tal-UE jew nazzjonali, disponibbli għal dan l-iskop.

Emenda

L-użu tan-netwerks tal-broadband biex jiġu konnessi l-gżejjer, ir-reġjuni ***muntanjużi,*** mingħajr kosta tal-ilma u dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, inkluż fejn ikun neċessarju l-kejbils f'qiegħ il-baħar, se jiġu appoġġati fejn huwa essenzjali li jkun żgurat aċċess minn komunitajiet iżolati għal broadband ta' 30Mbps u aktar. Dan l-appoġġ għandu jikkumplimenta fondi oħra, tal-UE jew nazzjonali, disponibbli għal dan l-iskop.

Emenda 43

Proposta għal regolament Anness – taqsima 2 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, il-konnessjonijiet b'veloċità għolja mqabbda ma' punti ta' aċċess ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-faċilitajiet pubbliċi, bħall-iskejjel, l-isptarijiet, l-uffiċċji tal-gvern lokali **u** l-libreriji, għandhom ikunu appoġġati wkoll.

Emenda

Barra minn hekk, il-konnessjonijiet b'veloċità għolja mqabbda ma' punti ta' aċċess ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-faċilitajiet pubbliċi, bħall-iskejjel, ***l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka***, l-isptarijiet, l-uffiċċji tal-gvern lokali, l-libreriji, ***u mużewijiet*** għandhom ikunu appoġġati wkoll.

Emenda 44

Proposta għal regolament Anness – taqsima 3 – intestatura f'tipa grassa 4 – intestatura sottolinjata 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kanali u pjattaformi tal-komunikazzjoni ***se jiġi żviluppata u użata*** sabiex ***titjib*** il-kapaċità madwar l-UE għat-tnejn, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-rispons.

Emenda

L-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' kanali u pjattaformi tal-komunikazzjoni sabiex ***titjib*** il-kapaċità madwar l-UE għat-tnejn, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-rispons, ***filwaqt li jittieħed kont tal-kapaċitajiet u l-inizjattivi nazzjonali eżistenti.***

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rwol ta' faċilitatur u għandha tqis il-kapaċitajiet u l-inizjattivi eżistenti fl-Istati Membri.

Emenda 45

Proposta għal regolament Anness – taqsima 3 – intestatura f'tipa grassa 4 – intestatura sottolinjata 2 – sottointestatura - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tikkonsisti f'netwerk ta' Skwadra ta'

Emenda

Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tikkonsisti f'netwerk ta' Skwadra ta'

Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs – “Computer Emergency Response Teams”) Nazzjonali/Statali ibbażata fuq sett minimu ta' kapaċitajiet bażi. In-netwerk *se jipprovi l-bażi ta'* Sistema Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni u l-Alerti (EISAS – “European Information Sharing and Alert System”) għaċ-ċittadini u l-SMEs tal-UE.

Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs – “Computer Emergency Response Teams”) Nazzjonali/Statali ibbażata fuq sett minimu ta' kapaċitajiet bażi. In-netwerk *jista' jikkontribwixxi l-infommazzjoni għal* Sistema Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni u l-Alerti (EISAS – “European Information Sharing and Alert System”) għaċ-ċittadini u l-SMEs tal-UE.

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex xieraq li s-CERTs jiffurmaw is-sinsla tal-EISAS. Organizzazzjonijiet oħra li għandhom l-SMEs u ċ-ċittadini bħala klijenti ewlenin tagħhom għandhom ikollhom rwol ikbar.

PROĊEDURA

Titolu	In-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u t-tħassir tad-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE	
Referenzi	COM(2011)0657 – C7-0373/2011 – 2011/0299(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.11.2011	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 15.11.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Lorenzo Fontana 25.1.2012	
Eżami fil-kumitat	29.5.2012	19.6.2012
Data tal-adozzjoni	19.9.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27	–: 0
	0:	2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Lorenzo Fontana, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Marie-Christine Vergiat	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Heinz K. Becker, Nadja Hirsch, Iosif Matula, Mitro Repo, Kay Swinburne	